MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2007

Rikors Numru. 925/2007

**Frank P. Borg Limited**

**vs**

**Lawrence Azzopardi u Rita Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta` Lawrence Azzopardi u Rita Azzopardi li permezz tieghu huma talbu lil din il-Qorti:

1. Tirrevoka u thassar il-mandat ta` inibizzjoni numru 147/06, ai termini ta` l-Artiklu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lill-esponenti dik is-somma li ma tkunx anqas minn hames mitt lira u

mhux aktar minn tlett elef lira a tenur ta` l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta;

3. U, fin-nuqqas li thassar l-imsemmi mandat, tordna lis-socjeta` intimata sabiex, a tenur ta` l-artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tiddeposit fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa biex taghmel tajjeb ghall-hlas tal-penali li tista` tigi imposta u ta` danni u mghax, u fin-nuqqas li taghmel dan, thassar l-effetti tal-mandat ta` inibizzjoni *de quo*.

Bl-ispejjez u b`riserva ghal kull azzjoni skond il-ligi.

Rat ir-risposta tas-socjeta` Frank P. Borg Limited.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi l-mandat ta` inibizzjoni li tieghu qed tintalab ir-revoka inhareg mis-socjeta` intimata odjerna fil-konfront tar-rikorrenti sabiex l-istess socjeta` tikkawtela kreditu taghha. Il-kawza fejn qed jigi kkunsidrata din il-pretensjoni ghada pendenti.

Ir-rikorrenti jikkontendu li l-kreditu pretiz mill-istess socjeta` huwa kawtelat bizzejjed permezz ta` mandat ta` inibizzjoni iehor li jgib in-numru 146/06.

Il-Qorti tinnota li l-kawza 1175/03 AF giet intavolota mis-socjeta` intimata odjerna kontra kemm ir-rikorrenti odjerni kif ukoll kontra Nazzareno Azzopardi u Carmen Azzopardi. Il-mandat ta` inibizzjoni 146/06, inhareg kontra dawn it-tnejn ta` l-ahhar, cioe` mhux l-istess persuni li huma rikorrenti llum. Dawn Nazzareno Azzopardi u Carmen Azzopardi qed jikkontestaw il-pretensjoni tas-socjeta` Frank Borg Ltd fil-konfront taghhom.

Il-Qorti tikkonsidra illi, sakemm tigi deciza dik il-kawza, is-socjeta` rikorrenti ghandha kull dritt tikkawtela l-pretensjonijiet taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti Lawrence u Rita Azzopardi b`dana pero` li l-mandat ta`

inibizzjoni 147/06 ikopri biss il-proprjeta` indikata fih u ma jkopri ebda proprjeta` ohra tal-istess rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------